MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2008

Numru 255/2000

Il- Pulzija
(Spettur Michael Mallia)

-vs-

Kevin Ellul
omisis

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra, Kevin Ellul ta' 31 sena bin Alfred u Doris
xebba Camilleri imwieled Pieta fit-23 ta' Ottubru 1975 u joqghod Wigi House, Triq l-Isqof Gargallo, Gharghur detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 503275M

Akkuzat talli fis-7 ta’ April, 2000 u fil-jiem ta’ qabel fil-Gharghur, limiti tan-Naxxar, ikkommetta serq ta’ diversi ngenji u makkinarju tal-gebel u oggetti ohra, li huma stmati li jiswew aktar minn Lm1,000 (Euro 2329.37) minn Barriera li hija sitwata f’ Tax-Xwieki, Gharghur, ghad-dannu ta’ Francis Camilleri u s-socjeta’ Camilleri Bros. (Gharghur) Ltd., liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u l-valur, u lok;

Kif ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi ghamel hsara volontarja fl-imsemmija apparat tal-barriera u jew apparat iehor liema hsara hija ta’ aktar minn Lm50 (Euro 116.47) izda anqas minn Lm500 (Euro 1164.69) ghad-dannu ta’ l-istess sid u/jew socjeta’ hawn fuq imsemmija.

F’l-ahhar nett ukoll talli huwa ricediv b’ diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali tat-2 ta’ Lulju 2002 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din l-Qorti kif mahsub taht l-artikoli 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278, 279, l-artikolu 325 u l-artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti (ref verbal a fol 282).

Rat is-sentenza mghotija fil-31 ta’ Mejju 2007 minn din il-Qorti kif diversament preseduta.

Rat is-sentenza mghotija fit-18 ta’ Ottubru 2007 mill-Onorabblli Qorti ta’l-Apell Kriminali li permezz taghha rrevokat is-sentenza tal-31 ta’ Mejju 2007 in kwantu illiberat lill-imputat odjern Kevin Ellul u rremettiet l-atti quddiem din il-Qorti biex il-kawza tigi deciza mill-gdid fuq il-mertu fuq il-provi migbura.

Rat in-nota tat- 2 ta’ Novembru 2007 li permezz taghha din il-kawza giet assenjat lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti kif preseduta fit-28 ta’ Jannar 2008 l-imputat Kevin Ellul ammetta l-imputazzjonijiet lilu addebietati u kkonferma din l-amissjoni anke wara l-Qorti tghatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-artikoli 49, 50, 261 (b)(c)(e), 263, 267, 269, 278, 279, u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghat il-partijiet jitrattaw dwar il-piena.

Rat il-fedina penali aggornata ta’l-imputat.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni.

Illi huwa minnu li l-imputat ammetta pero din l-amissjoni f’dan l-istadju tal-proceduri, u cioe wara kwazi tmien snin li gew intavolati, u wara li diga kienet inghatat sentenza u l-kaz anke mar quddiem il-Qorti ta’l-Appell, m’ghandu jkollha l-ebda effett fuq il-piena li ghandha tigi inflitta.

Illi min-naha l-ohra zgur huma ta’ relevanza fatturi ohra bhan-natura tar-reati, l-isfond familjari li fih saru r-reati, u l-kambjament li ghamel f’hajtu l-imputat mid-data tar-reati odjerni sa’ llum inkluz dak li jirrizolvi b’mod effettiv il-problema ta’ abbuz ta’ droga.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-fedina penali, anke dik aggornata, ghalkemm mhux netta mhiex allarmanti u tindika bic-car li mid-data tar-reati odjerni sa’ llum l-imputat qed jaghraf jirriabilita ruhu.

Illi tenut kont ta’ dawn ic-cirkostanzi kollha l-Qorti hija tal-fehma li mhux il-kaz li tigi nflitta piena karcerarja, il-Qorti

pero trid tassigura li l-imputat jkompli fit-triq li qabad ghalhekk hija tal-fehma li jkun opportun ordni ta’ *probation* fil-konfront ta’ l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 49, 50, 261 (b)(c)(e), 263, 267, 269, 278, 279, u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggih taht ordni ta’ *probation* ghal perjodu ta’ sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’ sentejn.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------